# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1164/2017 MH**

**Illum, 7 t'Ottubru, 2020**

**Carmelo Zammit (K.I. 431451M) u għal kull interess li jista' jkollha Rita Zammit (K.I. 761254M)**

**vs**

**Accountant General u b'digriet tal-11 ta' Mejju 2018 dan ġie sostitwit mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tad-29 ta' Diċembru 2017** li permezz tiegħu ippremettew -

1. *Illi huwa kien impjegat mal-Gvern ta` Malta u speċifikatament fis-sezzjoni tat-telephones tal-Post and Telephones Department.*

2. *Illi b'riżultat tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33 tal-Kap. 250 (Telemalta Act), fis-sena 1975 huwa ġie trasferit lill-Korporazzjoni Telemalta fejn baqa` jaħdem sakemm eventwalment ġie medically boarded out fit-12 ta` Awwissu 2008 u b'hekk ġie intitolat għal-pensjoni tat-Tezor taħt l-Kap 93.*

3. *Illi meta ġiet biex tinħadem il-pensjoni tat-Teżor tal-esponenti, l-intimati jew minn minnhom, filwaqt li aċċetta t-talba tal-esponenti għall-pensjoni tat-Teżor, kkeppja l-istess pensjoni bis-saħħa ta` dak li hemm dispost fl-Artikoli 8b u 8c tal-Kap. 93 tal-Liġijiet ta` Malta.*

4. *Illi tali Artikoli 8b u 8c tal-Kap. 93 tal-Liġijiet ta` Malta jipprovdu inter alia illi l-pensjoni ta` impjegati tal-Gvern li ġew "detailed for duty" jew "detailed for service" mat-Telemalta u li għalhekk terminaw l-impieg Mal-Gvern, jkollhom il-pensjoni capped sa` Skala 3.*

5. *Illi fil-każ tal-esponenti huwa la ittermina l-impieg tiegħu u lanqas ma kien qatt detalied for duty jew detailed for service mal-Korporazzjoni Telemalta. Huwa ġie "transferred to the service of Telemalta" bis-saħħa ta` dak li hemm dispost fl-Artikolu 33 tal-Kap. 250.*

6. *Il-Kapitolu 250 jagħmel differenza bejn impjegati li ġew detailed u impjegati li ġew transferred. Di fatti fit-Telemalta Corporation Act huwa stipulat illi fil-każ ta` persuni li ġew detailed japplika għalihom dak li hemm dispost fl-Artikolu 30, 31 u 32 tal-istess Att mentri dawk li huma "transferred" huma kolpiti bl-Art 33. Huwa evidenti illi l-liġi għamlet distinzjoni bejn dawk li huma detailed u dawk li huma transferred u dawn m'humiex sinonomi.*

7. *Illi għalhekk, meta saret l-emenda fil-Kap. 83 fl-Artikolu 8b u 8c, huwa evidenti illi din l-emenda taffettwa biss dawk l-impjegati li ġew detailed. Imkien ma jissemma` illi dawn l-emendi jolqtu impjegati li ġew transferred.*

8. *Illi l-esponenti, fiż-żmien meta rtira kien jokkupa skala ferm għola minn Skala 3 u għalhekk fil-każ tiegħu ma kienx ikun hemm capping.*

9. *Illi l-intimat ġie debitament interpellat sabiex jimplimenta l-pensjoni tal-esponenti mingħaja capping permezz ta` ittra uffiċjali magħmula fit-22 ta' Novembru 2017 iżda baqa` inadempjenti.*

10. *Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara u tordna:*

    1. *illi l-pensjoni tal-esponenti fuq imsemmija m'għandiex tiġi milquta bl-effetti tal-emendi fuq imsemmija li saru bl-Artikolu 8b u 8c fil-Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta` Malta*

11. *Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta Novembru 2017, kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Accountant General tad-9 ta' Frar 2018**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

*"1. Preliminarjament l-esponent jeċċepixxi li l-attur għandu jispeċifika liema huma eżattament l-artikoli tal-liġi li fuqhom qed jibbaża l-azzjoni odjerna u dan anki għaliex l-intimat qed ikun preġudikat meta jrid jissottemetti eċċezzjonijiet għal azzjoni li ma hiex identifikata. Għalhekk f'dan is-sens l-esponent jirriserva li jqajjem eċċezzjonijiet oħra fi stadju ulterjuri;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u preliminarjament jiġi rilevat li l-konvenut Accountant General u d-Dipartiment tat-Teżor m'humiex il-leġittimi kontradittur f'din il-kawża u għalhekk għandhom jiġu illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju. M'hijiex fil-mansjoni tal-konvenut li jiddetermina liema pensjoni għandu jirċievi r-rikorrenti u għalhekk huwa ġie interpellat erronjament.*

*3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju għas-suespost jingħad li l-allegazzjonijiet ta' l-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*4. Illi r-rikorrent ġie ingaġjat mas-Servizz Pubbliku bħala Telecom Technician fi Frar 1974. F'Ġunju 1975 huwa ġie trasferit mat-Telemalta Corporation (issa GO plc) u baqa impjegat hemm sakemm ġie medically boarded out f'Awwissu 2008. Dak iż-żmien kien hemm diġa fis-seħħ l-artikolu 8C tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:*

*"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8B, meta uffiċjal ikun ġie impjegat b'mod permanenti ma' xi kumpannija, korporazzjoni jew enti kif inhu msemmi fis-subartikolu (2) qabel l-1 ta' April, 2002 jew kien imqabbad biex jagħmel*

[1] Fol 8 et seq

*servizz ma' dik il-kumpannija, korporazzjoni jew enti qabel l-1 ta' April, 2002 u jirtira jew jigi impjegat b'mod permanenti ma' dik il-kumpannija, korporazzjoni jew enti qabel dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'Ordni jistabbilixxi, il-ħlas pensjonabbli ta' dak l-uffiċjal meta jirtira għandu għall-finijiet ta' din l-Ordinanza jkun kull ħlas attwalment imħallas lil dak l-uffiċjal meta huwa jirtira:*

*Iżda, f'ebda każ ma għandu kull ħlas pensjonabbli bħal dak ikun ogħla minn dak li jitħallas lil uffiċjal fi grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew f'dak il-grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta."*

*5. Illi l-pensjoni li ġiet kompetuta lir-rikorrenti hija abbażi ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi u mhux tal-artikolu 8B tal-Kap 93. Peress li jirriżulta li Carmel Żammit kien ġie trasferit mat-Telemalta qabel 1 t'April 2002 għalhekk il-pensjoni li huwa intitolat għaliha hija dik tat-Teżor skont l-imsemmi artikolu 8C jispeċifika li fi kwalunkwe każ l-ħlas pensjonabbli ma jistgħax ikun ogħla min dak ta' uffiċjal fi grad 3 għalhekk dan japplika wkoll għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti. L-intenzjoni tal-leġislratur bl-artikolu 33 tal-Kap 250 kien li meta uffiċjal jiġi trasferit mis-servizz pubbliku għal ma korporazzjoni jew entita bħal ma kienet it-Telemalta Corporation huwa jingħata l-pensjoni skont l-artikolu 8C sabiex primarjament ma jiġix preġudikat minħabba li jkun ġie "transferred". Ir-rikorrenti Żammit ġie trasferit mat-Telemalta bis-saħħa tal-liġi qabel 1 t'April 2002 u għalhekk huwa qed jingħata l-pensjoni tat-teżor fuq l-aħħar salarju li kien jirċievi meta kien impjegat mat-Telemalta "capped" fi grad 3 skond l-artikolu 8C.*

*6. Illi tajjeb li jiġi enfasiżżat li r-rikorrenti qed jingħata l-pensjoni li hija l-iktar favorevoli għalih għaliex li kieku id-Dipartimenti kellu jaċċetta li l-artikolu 8C*

*ma japplikax, kif donnu qed jargumenta r-rikorrenti, dan ikun ifisser li l-pensjoni tiegħu trid tiġi riveduta b'tali mod sabiex tirrifletti is-salarju li Carmel Zammit kien jirċievi meta kien għadu impjegat mas-Servizz Pubbliku liema salarju kien ferm inqas min dak ta' uffiċjal fi grad 3.*

*7. Illi għalhekk fl-umli fehma tal-esponent il-pensjoni li qed tingħata lir-rikorrenti hija waħda korretta skont il-liġi abbażi tal-artikolu 8C tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta. Fuq kollox jingħad ukoll li l-istess rikorrenti kien aċċetta li l-pensjoni tiegħu hija waħda korretta kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża.*

*8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*9. Bl-ispejjeż."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat illi t-tieni eċċezzjoni preliminari ta' dan il-konvenut ġiet sorvolata wara li b'digriet tal-11 ta' Mejju 2018 ġiet milqugħa t-talba tal-atturi għas-sostituzzjoni tal-konvenut Accountant General fil-kawża fejn minfloku ġie nserit il-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali tad-29 ta' Mejju 2018**[2] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

---

[2] Fol 22 et seq

*"1. Preliminarjament l-esponent jeċċepixxi li l-attur għandu jispeċifika liema huma eżattament l-artikoli tal-liġi li fuqhom qed jibbaża l-azzjoni odjerna u dan anki għaliex l-intimat qed ikun preġudikat meta jrid jissottemetti eċċezzjonijiet għal azzjoni li ma hiex identifikata. Għalhekk f'dan is-sens l-esponent jirriserva li jqajjem eċċezzjonijiet oħra fi stadju ulterjuri;*

*2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju għas-suespost jingħad li l-allegazzjonijiet ta' l-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*3. Illi r-rikorrent ġie ingaġjat mas-Servizz Pubbliku bħala Telecom Technician fi Frar 1974. F'Ġunju 1975 huwa ġie trasferit mat-Telemalta Corporation (issa GO plc) u baqa impjegat hemm sakemm ġie medically boarded out f'Awwissu 2008. Dak iż-żmien kien hemm diġa fis-seħħ l-artikolu 8C tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:*

*"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8B, meta uffiċjal ikun ġie impjegat b'mod permanenti ma' xi kumpannija, korporazzjoni jew enti kif inhu msemmi fis-subartikolu (2) qabel l-1 ta' April, 2002 jew kien imqabbad biex jagħmel servizz ma' dik il-kumpannija, korporazzjoni jew enti qabel l-1 ta' April, 2002 u jirtira jew jigi impjegat b'mod permanenti ma' dik il-kumpannija, korporazzjoni jew enti qabel dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'Ordni jistabbilixxi, il-ħlas pensjonabbli ta' dak l-uffiċjal meta jirtira għandu għall-finijiet ta' din l-Ordinanza jkun kull ħlas attwalment imħallas lil dak l-uffiċjal meta huwa jirtira:*

*Iżda, f'ebda każ ma għandu kull ħlas pensjonabbli bħal dak ikun ogħla minn dak li jitħallas lil uffiċjal fi grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew f'dak il-grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta."*

*4. Illi l-pensjoni li ġiet kompetuta lir-rikorrenti hija abbażi ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi u mhux tal-artikolu 8B tal-Kap 93. Peress li jirriżulta li Carmel Żammit kien ġie trasferit mat-Telemalta qabel 1 t'April 2002 għalhekk il-pensjoni li huwa intitolat għaliha hija dik tat-Teżor skont l-imsemmi artikolu 8C jispeċifika li fi kwalunkwe każ l-ħlas pensjonabbli ma jistgħax ikun ogħla min dak ta' uffiċjal fi grad 3 għalhekk dan japplika wkoll għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti. L-intenzjoni tal-leġislratur bl-artikolu 33 tal-Kap 250 kien li meta uffiċjal jiġi trasferit mis-servizz pubbliku għal ma korporazzjoni jew entita bħal ma kienet it-Telemalta Corporation huwa jingħata l-pensjoni skont l-artikolu 8C sabiex primarjament ma jiġix preġudikat minħabba li jkun ġie "transferred". Ir-rikorrenti Żammit ġie trasferit mat-Telemalta bis-saħħa tal-liġi qabel 1 t'April 2002 u għalhekk huwa qed jingħata l-pensjoni tat-teżor fuq l-aħħar salarju li kien jirċievi meta kien impjegat mat-Telemalta "capped" fi grad 3 skond l-artikolu 8C.*

*5. Illi tajjeb li jiġi enfasiżżat li r-rikorrenti qed jingħata l-pensjoni li hija l-iktar favorevoli għalih għaliex li kieku id-Dipartimenti kellu jaċċetta li l-artikolu 8C ma japplikax, kif donnu qed jargumenta r-rikorrenti, dan ikun ifisser li l-pensjoni tiegħu trid tiġi riveduta b'tali mod sabiex tirrifletti is-salarju li Carmel Zammit kien jirċievi meta kien għadu impjegat mas-Servizz Pubbliku liema salarju kien ferm inqas min dak ta' uffiċjal fi grad 3.*

*6. Illi għalhekk fl-umli fehma tal-esponent il-pensjoni li qed tingħata lir-rikorrenti hija waħda korretta skont il-liġi abbażi tal-artikolu 8C tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta. Fuq kollox jingħad ukoll li l-istess rikorrenti kien aċċetta li l-pensjoni tiegħu hija waħda korretta kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża.*

*7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*8. Bl-ispejjeż."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet, in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-attur intavola l-proċeduri odjerni għax fil-fehma tiegħu il-pensjoni tas-servizz[3] li huwa ntitolat għaliha - wara li kien irtira mix-xogħol minn mal-Korporazzjoni Telemalta fl-2008 fejn kien ilu trasferit minn mal-Gvern sa mill-1975 – ma kellhiex tiġi suġġetta għall-effetti tal-emendi li saru fl-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet. L-emendi in kwistjoni huma l-artikolu 8B u 8Ċ tal-Ordinanza msemmija, Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta introdotti bis-saħħa tal-Att XV tal-2002.

Il-konvenut jirrespinġi din il-pretensjoni bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt u jsostni nvece li l-intitolament għall-pensjoni tal-attur ġie applikat korrettement skont il-liġi, a bażi tal-artikolu 8Ċ tal-Att imsemmi.

Mill-provi mressqa jirriżulta li l-attur daħal mal-Gvern bħala apprentist fid-29 t'April 1968 u kien stazzjonat mad-Dipartiment tal-Posta u t-Telefon. Dam sitt

[3] Oriġinarjament magħrufa bħala l-pensjoni tat-Teżor (fol 57)

snin fl-apprentistat sal-31 ta' Jannar 1974[4]. Imbagħad b'effett mill-1 ta' Frar 1974 l-attur ġie mlaħħaq bħala Telecommunication Technician biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu mad-Dipartiment tal-Posta u t-Telefon. Bid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta (Att XVI tal-1975) l-attur intbagħat mal-Korporazzjoni Telemalta b'effett mill-24 ta' Ġunju 1975 meta daħal fis-seħħ dak l-Att[5].

Ħareġ ukoll mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-konvenut li fil-perjodu kollu li l-attur kien jaħdem mat-Telemalta (li sussegwentement saret Maltacom u wara GO plc) huwa qatt ma ġie meqjus li rriżenja minn mal-Gvern tant li nżammlu l-istat ta' public service officer bħala back up f'każ li jirritorna lura mal-Gvern. Dan mingħajr ma tneħħielu d-dritt li jibbenefika mill-kundizzjonijiet aħjar li kienet toffri l-entita' pubblika in kwistjoni fosthom paga ogħla[6].

L-attur baqa' jaħdem mat-Telemalta sakemm ġie *boarded out* fuq raġunijiet mediċi fit-12 t'Awissu 2008[7].

Huwa paċifiku li ġjaladarba l-attur kien daħal jaħdem mal-Gvern qabel il-15 ta' Jannar 1979 u kellu s-servizz tiegħu li baqa' għaddej b'mod mhux interrott sakemm ġie boarded out fl-2008 huwa kien meqjus eliġibbli għall-pensjoni tas-servizz u fil-fatt beda jirċievi tali pensjoni. Angelo Said għan-nom tal-konvenut spjega li sabiex jiġi stabbilit jekk l-attur huwhiex eliġibbli għall-pensjoni tas-servizz[8] -

*"...jien irrid nikkonferma li dan jekk kien impjegat fiċ-ċivil fil-gvern irid ikun daħal mal-gvern sal-15 ta' Jannar 1979. Irid ikun diġa' jaħdem mal-gvern qabel*

[4] Fol 63
[5] Fol 31
[6] Xhieda ta' Dr Mirna Azzopardi a fol 77
[7] Affidavit attur a fol 26 u ittra a fol 30
[8] Fol 58

*15th January 1979. Issa jiena minn l-applikazzjoni l-informazzjoni li għandna għandu dan is-sinjur kellu perijodu ta' apprentistat, dak ma jgħoddx; ma jitqiesx validu, ma jgħodd xejn. Imbagħad l-ewwel impjieg li nara jiena huwa telecom technician, li kien 1st February 1974. Allura mela huwa eliġibbli għal pensjoni tas-servizz; għax kif qed ngħid qabel is-79. Sintendi rridu niċċekkjaw li s-servizz tiegħu kien sħiħ u li baqa' għaddej."*

Ix-xhieda mressqa mill-intimat ikkonfermaw li l-pensjoni tal-attur inħadmet a bażi tal-artikolu 8Ċ tal-Kap 93[9] u b'hekk il-pensjoni tiegħu ġiet "capped" sa salarju fi skala 3.

L-ilment tal-attur huwa li la l-artikolu 8B u lanqas l-artikolu 8Ċ tal-Kap 93 m'huma applikabbli għalih għaliex huwa la qatt tqabbad b'xi ordni tal-Prim Ministru biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu f'xi enti pubblika, ma rriżenjax mix-xogħol tiegħu u qatt ma kien offrut l-opportunita' li jaċċetta jew jiċħad ix-xogħol tiegħu mal-Korporazzjoni Telemalta, l-Att XV tal-2002 li ntroduċa l-artikolu 8B u 8C fil-Kap 93 ma japplikax għall-każ tiegħu. Isostni li ġie trasferit bis-saħħa tal-artikolu 33 tal-Kap 250 u li la kien *detailed for duty* u lanqas kien *detailed for service* u allura l-emendi ma jgħoddux għalih u ma kellux ikun hemm *capping* tal-pensjoni[10].

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-artikoli 8B u 8Ċ tal-Kap 93 kif viġenti fl-2008 meta l-istess attur waqaf jaħdem kienu jipprovdu hekk –

---

[9] Xhieda ta' Angelo Said a fol 59 u xhieda ta' Dr Mirna Azzopardi a fol 73 et seq

[10] Affidavit tal-attur a fol 27

*“**8B.** (1) Meta s-servizz ta’ uffiċjal mal-Gvern ikun ġie terminat sabiex huwa jimpjega ruħu b’mod permanenti ma’ xi kumpannija jew enti kif provdut fl-artikolu 8A, jew skont id-disposizzjonijiet ta’ xi liġi oħra li tkun tipprovdi jew ipprovdiet li għar-rigward ta’ uffiċjal, li jkun imqabbad jaqdi dmirijietu mal-korporazzjoni jew mal-enti msemmija fil-liġi rilevanti, u li jaċċetta impjieg permanenti ma’ dik il-korporazzjoni jew enti, servizz ma’ dik il-korporazzjoni jew enti għandu, għall-finijiet tal-Ordinanza sakemm din tkun tapplika għalih, jitqies bħala servizz mal-Gvern, kull ħlas pensjonabbli ta’ dak l-uffiċjal meta jirtira għandu jitqies li jkun kull ħlas pensjonabbli stabbilit skont dawn is-subartikoli li ġejjin ta’ dan l-artikolu:*

*Iżda, ebda ħaga f’dan l-artikolu ma għandha titqies bħala li tnaqqas mid-drittijiet mogħtija lil xi uffiċjal bis-saħħa tal-artikolu 8Ċ ta’ din l-Ordinanza.*

*(2) Kull ħlas pensjonabbli lil uffiċjal li għalih japplika s-subartikolu (1) għandu jitqies li jkun ħlas pensjonabbli li jitħallas lil uffiċjal fis-servizz tal-Gvern fi grad u fil-livell inkrementali li jikkorrispondi għall-kariga u l-livell inkrementali li fihom uffiċjal jirtira minn kumpannija, korporazzjoni jew enti skont il-każ.*

*(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2), karigi u gradi salarjali mal-kumpannija, korporazzjoni jew enti rispettiva għandhom ikunu klassifikati fil-gradi u livelli inkrementali li jkunu l-aktar jikkorrispondu taħt il-Gvern ta’ Malta b’referenza għad-deskrizzjoni ta’ xogħol, kapaċitajiet, responsabbiltajiet u fatturi oħra li jixxiebħu.*

*(4) Il-klassifika imsemmija fis-subartikolu (3) għandha ssir minn bord għar-rigward ta’ kull kumpannija, korporazzjoni jew enti kif kompost minn president li jinħatar mill-Ministru ċentralment responsabbli għall-finanzi u żewġ membri oħra, wieħed maħtur mill-Ministru ċentralment responsabbli għall-politika dwar*

*il-persunal fis-servizz pubbliku u wieħed maħtur mill-Ministru responsabbli għall-kumpannija, korporazzjoni jew enti, jekk ikun il-każ, u f'dawk il-każijiet fejn ma jkunx hemm ministeru bħal dak, mill-Ministru responsabbli għar-relazzjonijiet industrijali. Il-klassifika għandha, f'kull każ tkun suġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.*

*(5) Dik il-klassifika għandha ssir fi żmien tliet xhur minn kull aġġustament tas-salarji tal-impjegati fis-Servizz tal-Gvern u, jew tal-impjegati tal-kumpannija, korporazzjoni jew enti skont il-każ.*

*(6) Ebda kariga ma għandha tiġi kklassifikata fi grad ogħla minn Grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew kull tali grad iehor li lMinistru responsabbli għall-finanzi jista', minn żmien għal żmien, jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.*

***8Ċ.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8B, meta uffiċjal ikun ġie impjegat b'mod permanenti ma' xi kumpannija, korporazzjoni jew enti kif inhu msemmi fis-subartikolu (2) qabel l-1 ta' April, 2002 jew kien imqabbad biex jagħmel servizz ma' dik il-kumpannija, korporazzjoni jew enti qabel l-1 ta' April, 2002 u jirtira jew jigi impjegat b'mod permanenti ma' dik il-kumpannija, korporazzjoni jew enti qabel dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'Ordni jistabbilixxi, il-ħlas pensjonabbli ta' dak l-uffiċjal meta jirtira għandu għall-finijiet ta' din l-Ordinanza jkun kull ħlas attwalment imħallas lil dak l-uffiċjal meta huwa jirtira:*

*Iżda, f'ebda każ ma għandu kull ħlas pensjonabbli bħal dak ikun ogħla minn dak li jitħallas lil uffiċjal fi grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew f'dak il-grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta.*

*(2) Il-kumpanniji, korporazzjonijiet jew entijiet li dan l-artikolu japplika għalihom huma:*

*(a) l-Università ta' Malta, il-Bord tat-Turiżmu tal-Gvern ta' Malta, Enemalta, u l-Awtorità tax-Xandir ta' Malta, f'kull każ imsemmi fit-tifsira "servizz f'Malta" fl-artikolu 2;*

*(b) Malta International Airport plc, Servizzi tax-Xandir Pubbliku, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Junior College, Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Maltapost plc, Posta Ltd., Awtorità tal-Ippjanar, Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Awtorita' Marittima ta' Malta, Korporazzjoni Telemalta, Maltacom plc, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika."*

Il-Qorti tissottolinea li a bażi tal-prinċipju bażilari li t-test Malti tal-liġijiet għandu jipprevali, hija sejra tistrieħ fuq it-test suċċitat fil-lingwa nostrali tal-artikoli msemmija. Dan qed jingħad a skans ta' kull ekwivoku in vista tal-fatt li evidentement l-attur jispezzetta t-teżi tiegħu fuq diskors li ngħad fid-dibattiti parlamentari waqt il-qari tal-abbozz tal-liġi in eżami kif ukoll fuq xi kliem użat fit-test ingliż tal-artikoli tal-liġi msemmija.

Ferm il-premess il-Qorti tinnota li mill-provi mressqa, l-attur f'ebda ħin ma kellu l-impjieg tiegħu terminat minn mal-Gvern sabiex jimpjega ruħu b'mod permanenti mal-Korporazzjoni Telemalta kif sussegwentement magħrufa bħala Maltacom u GO plc u lanqas ma aċċetta mpjieg permanenti ma' tali entita' pubblika taħt xi liġi oħra, dan skont dak li tistipula d-diċitura ta' l-artikolu 8B su ċċitat. Għalhekk l-artikolu 8B imsemmi ma japplikax għall-fattispeċje tal-każ odjern.

Invece u kuntrarjament għall-argumenti mressqa mill-atturi, l-Qorti hija tal-fehma li l-artikolu 8Ċ tal-Kap 93 huwa dak korettement applikabbli għall-każ odjern, u li  a bażi ta' liema l-konvenut għamel il-komputazzjoni tal-pensjoni tas-servizz tal-attur.

L-artikolu 8Ċ tal-Att in eżami japplika f'każijiet fejn –

(i) uffiċjal ikun ġie impjegat b'mod permanenti ma' xi kumpannija, korporazzjoni jew enti kif inhu msemmi fis-subartikolu (2) qabel l-1 ta' April, 2002; jew

(ii) uffiċjal kien imqabbad biex jagħmel servizz ma' dik il-kumpannija, korporazzjoni jew enti qabel l-1 ta' April, 2002 u jirtira;  jew

(iii) uffiċjal jiġi impjegat b'mod permanenti ma' dik il-kumpannija, korporazzjoni jew enti qabel dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'Ordni jistabbilixxi.

Huwa paċifiku li l-Korporazzjoni Telemalta hija waħda mill-entitajiet pubbliċi ndikata fis-subartikolu 2 tal-artikolu 8Ċ li għaliha japplika l-artikolu in kwistjoni.

Mill-atti jirriżulta li effettivament l-attur ġie trasferit mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1975 u kwindi jaqa' fil-kategorija bħala uffiċjal li "*kien imqabbad biex jagħmel servizz ma' dik il-kumpannija, korporazzjoni jew enti qabel l-1 ta' April, 2002*".

In kontro-eżami l-attur jargumenta li din il-frażi ma tapplikax għalih għax huwa kien trasferit u mhux  "imqabbad" biex imur mal-Korporazzjoni in kwistjoni u li

tali kelma hija *"vasta ħafna"*[11]. Iżda appuntu għax hija kelma b'tifsira wiesgħa din ma teskludix trasferiment ta' ħaddiema. Jiġi nnutat li fit-traduzzjoni tat-test għall-lingwa ngliża intuża *jargon* li jista' jagħti l-impressjoni li hemm kunflitt fit-testi pero' kif ingħad it-test ingliż ma jipprevalix fuq dak malti u għaldaqstant it-trasferiment tal-attur mal-Korporazzjoni in kwistjoni huwa meqjus kopert bl-artikolu 8Ċ.

Issa peress li dan l-artikolu kien fis-seħħ fl-2002 u ċioe' qabel ma' l-attur irtira fl-2008 allura ġustament fil-fehma tal-Qorti ġie applikat fil-konfont tiegħu dan l-artikolu għall-fini ta' pensjoni. B'hekk il-kontestazzjoni tal-atturi li l-ħlas pensjonabbli ma kellux ikun marbut bil-*capping* sas-salarju fi grad 3 fis-servizz tal-Gvern hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Irriżulta mill-provi nfatti li din id-dispożizzjoni tal-liġi ppermettiet lill-attur jirċievi ħlas ta' pensjoni **aktar vantaġġjuż** meta mqabbel mal-pensjoni li kien jirċievi kieku baqa' fis-servizz pubbliku skont l-iskala tas-salarji tal-Gvern. Il-parlament Malti pero' lleġisla li għandu jkun hemm *capping* sa salarju fi grad 3 fis-servizz tal-Gvern, liema limitazzjoni tapplika indiskriminament għall-uffiċjali kollha f'sitwazzjoni simili għal dik tal-attur. Kif irriżulta mix-xhieda mressqa mill-konvenut, l-artikolu 8Ċ tal-Kap 93 ippermetta persuni fil-qagħda tar-rikorrent li jirċievu ħlas ta' pensjoni maħdum fuq is-salarju li kellhom fl-entita' pubblika li magħha kienu jaħdmu, naturalment b'*capping* kif indikat fil-proviso ċitat. Altrimenti l-pensjoni tal-attur kien ikollha tinħadem a bażi tal-grad sostantiv li l-attur kien jokkupa **qabel** ma ġie trasferit mal-Korporazzjoni msemmija u ċioe' fuq salarju fi skala 16 li kien ikun ħafna u ħafna inqas u dan ċertament b'detriment finanzjarju sostanzjali għall-attur. B'hekk l-artikolu 8Ċ huwa meqjus li jirrispetta wkoll il-prinċipji ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-pensjoni kif

[11] Fol 86

rispekkjati fl-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi hekk fl-ewwel subartikolu tiegħu -

"*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 114 ta'din il-Kostituzzjoni, il-liġi applikabbli għal kull benefiċċju li għalih dan l-artikolu jgħodd għandha, dwar kull persuna li tkun ġiet mogħtija, jew li tkun eliġibbli għall-għoti ta' xi benefiċċji bħal dawk, tkun dik li tkun fis-seħħ fid-data relattiva jew xi liġi oħra sussegwenti u li ma tkunx anqas favorevoli għal dik il-persuna.*"

L-attur ikompli jargumenta li għall-każ tiegħu japplika dak li hemm dispost fl-artikolu 33 tal-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta (Kap.250), liema Att kien ġie abrogat. Dan l-artikolu jgħid hekk-

*"Meta xi impjegat li jkun ġie trasferit għas-servizz tat-Telemalta skont dan l-Artikolu jiġi wara maħtur għal xi kariga pensjonabbli fis-servizz pubbliku, is-servizz tiegħu mat-Telemalta għandu jitqies li kien servizz tal-Gvern."*

Huwa ċar li l-għan ta' dan l-artikolu huwa li jipproteġi lill-ħaddiema li jkunu ġew trasferiti minn mal-Gvern għal mal-Korporazzjoni biex għal fini ta' pensjoni, il-perjodu li fih ikunu ħadmu mal-Korporazzjoni ma jservix bħala *break of service* minn mal-Gvern iżda nvece jiġi magħdud bħala kontinwita' ta' servizz lill-Gvern. Dan dejjem a benefiċċju ta' l-istess impjegat. Issa kif irriżulta mix-xhieda mressqa mill-konvenut, dan l-artikolu ġie pjenament rispettat mill-konvenut stante li s-servizz kollu li l-attur kien ta mat-Telemalta ittieħed kollu in konsiderazzjoni bħala servizz tal-Gvern għall-fini ta' komputazzjoni tal-ħlas tal-pensjoni dovuta lilu. Jiġi rilevat ukoll li dan l-artikolu 33 tal-Kap 250 ma kienx jidħol fil-materja tal-komputazzjoni tal-ħlas tal-pensjoni u għalhekk ma hemm ebda kunflitt ma dak li jiddisponi l-artikolu 8Ċ tal-Kap 93.

Il-Qorti tissottolinea li huwa l-leġislatur li għandu d-diskrezzjoni li jfassal il-qafas legali li fih għandhom jitħaddmu d-dispożizzjonijiet marbuta mal-ħlas tal-pensjonijiet. L-atturi għalhekk m'għandhom ebda dritt li jiddettaw huma dwar kif għandhom jiġu applikati l-liġijiet marbuta mal-ħlas tal-pensjoni dovuta lilhom. Evidentement l-atturi mhumhiex kuntenti bil-fatt li l-pensjoni tas-servizz li qed titħallas lill-attur qegħda tiġi *capped* skont l-artikolu 8Ċ tal-Kap 93 għax huma jippretendu li din għandha tinħadem fuq is-salarju sħiħ li kien jirċievi l-attur mill-GO plc qabel ma rtira u dan mingħajr il-*capping*. Pero' bażi legali għal din il-pretensjoni mhemmx għax ma hemm ebda provvediment fil-liġi li jippermetti dak li qegħdin jippretendu l-atturi f'ċirkustanzi bħal tagħhom. Oltre hekk dana l-anqas ma huwa *capping* pertinenti jew li jaffettwa biss il-din is-sezzjoni u generu ta' impjegati. Il-Qorti tfakkar ukoll li l-artikolu 8Ċ tal-Kap 93 ġie fis-seħħ  sitt snin qabel ma l-attur irtira mill-impjieg u allura huwa, bħal kull ċittadin ieħor fl-istess sitwazzjoni tiegħu, huwa suġġett għal dak li jipprovdi dan l-artikolu mingħajr ebda riżervi.

Fid-dawl tas-suespost il-pretensjoni attriċi sejra tiġi respinta filwaqt li għall-istess raġunjiet sejrin jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

In fine jidher li l-attur innifsu, wara li fl-2009 kien diġa ressaq kontestazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti governattivi dwar din il-materja, u wara li ngħata d-debita spjegazzjoni mingħandhom[12], kien aċċetta li l-pensjoni mħallsa lilu kienet korretta u skont il-liġi. Tant li l-avukat tiegħu kien kitbilhom hekk fit-13 ta' Settembru 2010[13] - *"my client has reconsidered his position and agrees that his pension entitlement has been correctly calculated according to law and the matter is therefore closed."* Stranament wara seba' snin l-atturi jidher li kellhom ripensament u ddeċidew li jerġgħu iressqu l-kontestazzjoni tagħhom din id-darba

[12] Fol 66
[13] Fol 67

quddiem il-Qrati permezz tal-kawża odjerna. Dan b'rizultat ta' ħela ta' żmien u oltre hekk konsiderando l-lanjanza pekunjarja mressqa, b'inkors ta' spejjeż żejda a kariġu ta' l-atturi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u tiċħad it-talba tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**